MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1519/2002

**Inter Power Limited**

**vs**

**Sting 1 Cleaners Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa mija u tnax-il lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm912.86) rappresentanti prezz ta' magni tal-hasil industrijali li jahdmu bl-elettriku kif ukoll xoghol ta' manutenzjoni u tiswijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja ta' Gunju 2001, ta'l-ittra ufficjali ta'l-14 ta' Awissu 2001 u tal-mandat ta'

sekwestru prezentat kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fid-19 ta’ Lulju 2002 fejn gie ecceppiet:

1. Preliminarjament l-ammont mitlub huwa preskritt in parti ai termini ta’l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili u in parti ai termini ta’l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kif sejjer jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta’ Edward Micallef St. John in rappresentanza tas-socjeta attrici, Victor Attard Portughes in rappresentanza tas-socjeta konvenuta u Mario Galea.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe’ id-Dokumenti EM1, EM2, EM3 u EM4 konsistenti fi statements, invoices u *delivery note* mahruga mis-socjeta attrici, kif ukoll is-Dokumenti VAP1 u VAP2, konsistenti f’ritratti tal-magni tal-hasil, Dokumenti Z1 u Z2, kopji ta’ invoices u ritratti kif ukoll sett dokumenti immarkati bhala Dokumenti ST1 sa ST6 li huma kopji ta’ invoices ipprezentati mis-socjeta konvenuta.

Ikkunsidra,

## L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI

Illi s-socjeta konvenuta qieghda teccepixxi l-preskrizzjoni ta’l-azzjoni a tenur ta’l-artikoli 2148(a) fir-rigward tat-talba ghas-servizzi ipprovduti mis-socjeta attrici u l-artikolu 2148(b) ghar-rigward tat-talba attrici ghal hlas tal-merkanzija mibjugha lis-socjeta konvenuta, it-tnejn dekoribbli b’eghluq ta’ tmintax-il xahar.

1. Il-preskrizzjoni tat-talba ghas-servizzi ipprovduti mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-manutenzjoni u tiswija tal-magni tal-hasil.

Illi l-artikolu 2148(a) jiddisponi illi l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz ta'l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li ifornu jaqghu bl-eghluq it-tmintax-il xahar.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi apparti in-negozju tal-bejgh ta'magni tal-hasil, is-socjeta attrici taghti ukoll servizz ta' manutenzjoni u tiswija ta' dawn il-magni. Illi huwa principji rassodat fil-gurisprudenza illi dan l-artikolu tal-ligi ma ighoddx ghall-kaz fejn il-kreditur ikun imprenditur bhal ma hi s-socjeta attrici, hekk li l-prestazzjonijiet tieghu ikunu atti tal-kummerc. (ara sentenza Joseph Mizzi noe. vs Joseph Delicata pro.et.noe. Kummerc – 14/10/1954 u Saviour Farrugia noe vs Margaret Vella et – Appell Civili – 09/02/2001).

Illi ghalhekk peress illi is-servizzi ipprovduti mis-socjeta attrici fuq bazi regolari jitqiesu li huma att tal-kummerc, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-hames snin u mhux tat-tmintax-il xahar.

Illi fi kwalunkwe kaz anke jekk wiehed kellu ghal grazzja ta'l-argument jammetti illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tat-tmintax-il xahar, anke f'dan il-kaz jirrizulta mill-atti processwali illi t-termini preskrittiv ma iddekorriex u dana ghas-segwneti ragunijiet.

Illi mill-*invoice* esebita u mhux ikkontestata Dokument EM3 a fol.20 tal-process jidher illi l-ahhar servizz ipprovdut mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta kien fid-29 ta' Jannar 2001 ghall-ammont ta' Lm54.78. Illi qabel din id-data is-socjeta attrici kienet ghamlet ukoll xoghol ta' dan it-tip bejn is-16 ta' Gunju u it-28 ta' Dicembru 1999, ghal liema xogholijiet is-socjeta konvenuta ma effettwatx il-pagamenti. Irrizulta inoltre mix-xhieda tal-kontendenti illi l-ittra ufficjali datata 14 ta' Awissu 2001 giet debitament notifikata lis-socjeta konvenuta ghalkemm ma jirrizultax f'liema data saret in-notifika taghha. Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fl-20 ta' Gunju 2002 u ghalhekk ma hemmx

dubbju illi l-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar ma idekkorriex.

Illi s-socjeta konvenuta targumenta illi is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija saru diversi drabi fuq l-istess magni stante illi dan is-servizz ma kienx qed jigi ipprovdut sew u kwindi is-socjeta attrici kienet terga' taffettwa l-istess servizz fuq l-istess magni. Illi mill-atti tal-kawza ma jirrizultax illi s-socjeta konvenuta qatt ilmentat mas-socjeta attrici illi hija kienet qed tigi mgieghla thallas ghal iktar minn darba ghall-istess servizz li kien qieghed jigi ipprovdut hazin. Fil-fatt din il-kontestazzjoni jidher illi harrget matul il-kawza

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni fir-rigward ta-talba attrici in konnessjoni mal-hlas ghas-servizzi ipprovduti qed tigi michuda.

2. Il-preskrizzjoni tat-talba ghax-xiri tal-magni tal-hasil.

Illi s-socjeta konevnuta hawnhekk qieghda tinvoka l-preskrizzjoni il-qasira ta' tmintax il-xahar ghall merkanzija mibjugha bl-imnut. Illi skond il-gurisprudenza, f'dan il-kaz wiehed ghandu jezamina jekk il-bejgh in kwistjoni kienx jinvolvi bejgh ta' oggetti bl-ingrossa jew inkella kienx bejgh ta' oggetti partikolari. (ara sentenza Dr. Peter Fenech noe vs Medina Foods Manufacturing Ltd – App.Civili Inferjuri – 07/11/1997).

Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni jirrizulta illi l-uniku *items* fuq l-*invoice* Dokument EM3 li huma milquta johorgu minn zewg *invoices* datati 26 u 27 ta' Lulju 1999 fl-ammonti ta' Lm164.16 u Lm360 rispettivament. (*invoices* li igibu in-numri 12569 u 12575). Ma jidhirx ghalhekk illi hawnhekk si tratta ta' bejgh bl-ingrossa u ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli hija dik il-qasira ta' tmintax-il xahar.

Illi kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq jirrizulta illi l-ittra ufficjali li interrompiet id-dekors tal-perijodu preskrittiv iggib id-data tal-14 ta' Awissu 2001.

Illi fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni ghandu jinghad illi Victor Attard Portughes fix-xhieda tieghu jammetti illi s-socjeta konvenuta xtrat zewg magni min ghand is-socjeta attrici. Ix-xhieda tieghu tidher konfliggenti peress illi l-ewwel ighid illi l-magni akkwistati ma kenux dawk ordnati mis-socjeta konevnuta, imbaghad ighaddi biex ighid illi dawn il-magni kellhom xi difetti, ma kenux qed jahdmu sew u li wahda minnhom kellha xi *rod* nieqsa, biex b’hekk jaghti x’jifhem illi l-magni akkwistati inzammu minnhom ghalkemm jallega illi dawn ma kenux li riedu. Fil-fatt id-Dokument EM2 a fol.17 tal-process jindika illi s-socjeta konvenuta effetwat xi tiswijiet fuq dawn il-magni u anke giet mibdula ir-rod ta’ magna ohra. (ara Dokument Z1 u Z2 li juru l-magni li gew ikkonsenjati) Dan id-dokument jidher iffirmat minn Victor Attard Portughes in rappresentanza tas-socjeta konvenuta. B’hekk johrog car illi s-socjeta konvenuta kienet accettat l-magni akkwistati minghajr ebda ilment ghaliex kieku dan kien il-kaz l-magni li gew ikkonsenjati kienu jigu irritornati lis-socjeta attrici u rimpjazzati b’dawk verament ordnati. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi f’din id-data u cioe’ fit-8 ta’ Jannar 2001 kien hemm ammissjoni tad-dejn dovut in konnessjoni max-xiri ta’ dawn il-magni u kwindi l-azzjoni ghal hlas tal-magni tal-hasil mibjugha u ikkonsenjati mis-socjeta attrici favur is-socjeta konvenuta ma hijiex preskritta.

**<u>L-ECCEZZJONI FIL-MERTU</u>**

Illi s-socjeta konvenuta qieghda tallega illi hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici fl-ewwel lok in konnessjoni mal-hlas ghas-servizzi resi peress illi dawn kienu dejjem l-istess tiswijiet u manutenzjoni li ma kenux qed isiru tajjeb u illi s-socjeta attrici kienet qed tohrog *invoice* ghal kull darba illi huma kienu imorru sabiex jaghmlu l-istess xoghol, u fit-tieni lok rigward il-magni mixtrija, tallega illi dawn ma kenux il-magni ordnati.

Illi fir-rigward ghas-servizzi resi, ghandu jinghad illi ma jirrizultax mill-provi prodotti illi s-socjeta konvenuta qatt ilmentat mas-socjeta attrici minn Gunju 1999, illi is-socjeta attrici kienet qed tohrog *invoice* gdida ghal kull darba illi

kien jerga' isir l-istess servizz stante illi l-ewwel wiehed ma ikunx sar sew u il-magni jibqghu ma jiffunzjonawx. Illi jidher car illi fl-uniku darba illi s-socjeta attrici naqqset minn naha taghha, is-servizz gie moghti minghajr hlas u dana kif jirrizulta mid-Dokument EM2 datat 8 ta' Jannar 2001. Illi ghalkemm mix-xhieda ta' Mario Galea jidher illi it-tiswijiet u l-manutenzjoni fuq il-magni ma kienx qieghed isir sew b'mod ripetut, dan huwa kemmxejn inverosimili ghaliex kieku dan kien il-kaz, is-socjeta konvenuta baqghet ma ressqet l-ebda ilment dwar dan u qatt ma oggezzjonat illi taffetwa il-pagament li kien qed jintalab min-naha tas-socjeta attrici u qieghda taghmel dan biss issa hekk kif gew istitwiti dawn il-proceduri. Illi ghalhekk ix-xhieda attrici hija wahda iktar kredibbli u verosimili.

Illi fir-rigward tax-xiri tal-magni tal-hasil, l-allegazzjoni maghmula mis-socjeta konvenuta illi dawn il-magni ma kenux dawk ordnati minnha, hija ukoll infondata. Kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq huwa kemmxejn stramb kif dan l-ilment gie sollevat biss f'dawn il-proceduri. Ma jidhirx illi kien hemm xi insistenza da parti tas-socjeta konvenuta, illi s-socjeta attrici tiehu il-magni lura u tirrimpjazzhom b'dawk realment ordnati. Mhux biss hekk, izda fit-8 ta' Jannar 2001, is-socjeta attrici effetwat xi tiswijiet fuq dawn il-magni minghajr hlas. Illi l-accettazzjoni ta'l-istess mis-socjeta konvenuta tohrog cara mill-firma ta' Victor Attard Portughes li f'dak il-mument ma jidhirx illi ressaq xi ilment izda iffirma minghajr kundizzjoni. Inoltre ma jidhirx lanqas illi dawn il-magni gew iddepozitati taht l-Awtorita tal-Qorti, izda jidher illi ghadhom fil-pussess tas-socjeta konvenuta u ghadhom qed jigu uzati minnha. Illi ghalhekk din l-allegazzjoni maghmula mis-socjeta konvenuta hija ukoll infondata u ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta konvenuta, ighaddi sabiex jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u tnax-il lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm912.86), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Awissu 2001 u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------